GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 4 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 3 ta' Awwissu 2009, fil-5.00 pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti
2. Tagħrif mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Materji Finanzjarji – (a) Petty Cash Lulju 2009;
   (b) Skeda tal-Ħlas Lulju 2009;
5. *Area* fi Triq il-Hannieqa;
6. Suġġerimenti mill-Kunsillieri.

---

## 1. Minuti

Il-Minuti tat-Tielet Seduta ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

2.1 Il-Kunsillier Picco attenda ghas-Seminar tal-MEUSAC li sar nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2009. Is-Sur Picco qal li dan is-Seminar kien dwar fondi li jinghataw biex jintuzaw ghal edukazzjoni fuq l-ambjent u kampanji edukattivi. Qal ukoll li dawn il-fondi jistghu japplikaw ghalihom grupp ta' Kunsilli.

2.2 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju nhar it-23 ta' Lulju 2009 iffirmaw il-kuntratt mal-MFA ghal *Mini-Pitch*.

2.3 Is-Segretarju iltaqghet mas-Sur Simon Bonanno tal-Holistic Courses tal-kompjuter dwar korsijiet ghar-residenti ta' Hal Ghaxaq. Is-Sur Bonanno qal li l-post tieghu attrezzat biex isiru korsijiet li jiedhu bejn 8 u 10 persuni. Qal ukoll li se jghati prezz globali lill-Kunsill ghal dawn il-korsijiet. Gie deciż li tiġi ikkuntatjata l-kumpanija tal-korsijiet tal-kompjuters TCTC biex inqabblu l-prezzijiet kwotati tal-korsijiet.

## 3. Korrispondenza

3.1 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienu waslu ittri/emails mingħand :-

**Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:-**

1. E-mail mid-Direttur dwar Prattiċi tajbin sabiex tindirizza konsum, produzzjoni u trasportazzjoni sostenibbli fil-kuntest tal-bidla fil-klima. E-mail mingħand is-Sur Frendo fejn infurmana li ser issir sessjoni ta' nformazzjoni dwar il-kuntratt tal-ġbir ta' skart organiku il-Ġimgħa, 7 ta' Awwissu, 2009 bjen l-10:00a.m. u l-12:00p.m., fil-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, ghal din il-laqgha ser jattendu is-Segretarju u s-Sindku;

2. E-mail mill-President tal-AKL fejn qed jistieden lis-Sindku u Viċi Sindku sabiex jattendu għal laqgħa li ser issir mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. C. Said, fis-7 ta' Awwissu, 2009, fit-3:00 p.m., ġewwa MCC il-Belt Valletta. Is-Sindku u l-Vici Sindku ser jattendu ghal din il-laqgha;

3. Mill-M.E.P.A. Applikazzjonijiet ġodda għal permessi ta' żvilupp Nru. 2941/09, fi Triq Għar Dalam sabiex razzett jinbidel f'*radio station* u *store*, Nru.1373/09 biex jinbnew garaxxijiet u post residenzjali fi Triq il-Barklor u Nru 2714/09 biex isiru alterazzjonijiet f'post fi Triq Dun Marcel Mallia;

4. Minghand l-Għaqda Mużikali San Ġużepp is-Sindku ircieva kopja ta ittra li ntbaghatet lil-Pulizija u l-Kappillan dwar ksur ta' regolamenti mill-ftehim li kien sar bejn l-Għaqda Mużikali Santa Marija u l-Ghaqda Muzikali San Guzepp;

5. E-mail mingħand is-Sur M.A.Borg, dan jixtieq li jagħmel laqgħa mal-Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni u l-Kultura fil-lokalita', sabiex jara jkunx possibbli li fil-futur jsiru xi ta' attivitajiet f'dan ir-rigward. Is-Sindku li hu responsabbli mill-Edukazzjoni lest li jiltaqgha mas-Sur Borg;

6. E-mail mis-Sinj. C. Abela Baldacchino fejn stiednet lis-Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi sabiex jiltaqgħu b'mod soċjali fil-31 ta' Lulju, 2009 il-Waterfront;

7. E-mail mingħand is-Sur M. Borg *Marketing & Sales Manager ta' The Malta Experience* dwar xi offerta li għandhom għal matul dawn ix-xhur;

8. Ittra mid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja dwar Korsijiet fil-Litteriżmu Bażiku w infurmawna wkoll li sar jitqassmu l-kotba għal dawn il-korsijiet;

9. Żewġ e-mails mingħand is-Sur S. Schembri tal-GAL Xlokk, dwar il-ftuħ Uffuċċjali tal-GAL Group, li ser isir fit-28 ta' Lulju, 2009, fit-3:00 p.m., ġewwa l-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, bil-preżenza ta' l-Onor. G. Pullicino, għal dan il-ftuħ attenda s-Sindku, ircevejna wkoll il-programm ta' żjara li ser issir fi Slovakja. Is-Sindku sejjer fuq din iz-zjara bejn is-16 u 24 ta' Awwissu 2009.

10. Fax mingħand *Schembri Infrastructers Ltd.*, dwar ix-xogħol li jeħtieġ isir mill-entitajiet kkonċernata qabel ma jingħata il-wiċċ bit-tarmak għal Permess No. 1822/08;

11. Ittra mid-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti, sabiex jitwaħħal poster fin-*notice-boards* tal-Kunsill dwar kuxjenza u għarfien aħjar fuq il-Bumunqar Aħmar tal-Palm;

12. E-mail mingħand Anton Falzon Segretarju Eżekuttiv kunsill Lokali Żejtun, sabiex jgħarraf li l-Kuntratt għal Installazzjoni u Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq li preżentatment qiegħed man-*Nexos Street Lighting*, ser jiġi estiż għal perjodu ta' sitt xhur oħra, jekk m'hemmx oġġezzjonijiet. Ġie mgħarraf li l-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni biex dan jiġgedded;

13. Mingħand il-MEUSAC sabiex jinfurmaw li ser jiġi organizzat *Roadshow* f'kull belt u raħal madwar Malta u Għawdex għal għarfien aħjar dwar l-Unjoni Ewropea;

14. Mill-Kumitat Konġunt taż-Żejtun, li laqgħa li kellha ssir fis-27 ta' Lulju, 2009, ġiet posposta għas-6 ta' Awwissu, 2009, fl-4:30 p.m., flimkien ma' l-Aġenda u anke l-Minuti tas-seduta preċedenti;

15. E-mail mingħand is-Sur Mario Farrugia PS. 1106, sabiex isir il-laqgħa ta' kull xahar ma' l-Ispettur Portelli;

16. E-mail mingħand Charmiane Chetcuti ta' l-ETC dwar *Employability Programme*;

17. E-mail mingħand l-Onor. C. Said Segretarju Parlamentari dwar Kampanja Tindif li ser tiġi mnieda fil-5 ta' Awwissu, 2009;

18. E-mail mingħand Clint Tanti mill-OPM dwar *ENPI CBC MED* (Cross Border Cooperation in the Mediterranean). Dan jitratta dwar progetti bejn pajjiz u iehor.

19. Formola għal Premju Anzjan tas-Sena, 2009;

20. Mill-Kunsilli Lokali 2015 gejna infurmati li ser issir laqgha 'Dar l-Ewropa' nhar it-Tlieta 25 ta' Awwissu fis-14.00pm, dwar Quiz li ser isir mill-ufficcju tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta. Dan il-Quiz ser ikun bejn lokalitajiet u l-ideja hi li isir maghruf kemm il-lokalitajiet ghandhom gharfien generali dwar l-Unjoni Ewropea;

21. Is-Sur Joe Attard mill-*Authorised Waste Compliance Scheme* (kumpanija sussidjarja tal-GRTU) jixtieq jiltaqgha mas-Sindku w s-Segretarju biex jintroduci din l-iskema. Is-Segretarju se taghmel appuntament mas-Sur Attard;

22. Bajada Group jixtieq







 jintaqghu mas-Sindku u l-Kunsillieri biex jintroducu prodotti innovattivi tal-*energy saving*. Dawn lesti ukoll jghinu biex tigi organizzata green day fil-Kunsill billi jipprovdu l-prodotti u hafna materjal ta' informazzjoni;

23. L-ADT infurmatna li ser isir Seminar nhar il-Gimgha 7 t'Awissu 2009 bejn 9.30 u 12.00 fis-Sala Sir Temi Zammit gewwa Dar il-Mediterran fil-Belt sabiex il-linji ta' gwida li gew pubblikati fl-ahhar xhur ikunu spjegati fid-dettal (dan is-Seminar gie pospost);

24. Stedina mil-Kunsill Lokali Zebbug ghal Musical li ser isir nhar il-Hadd 16 ta' Awwissu fit-8.30 ta' filghaxija fil-Bajja ta' Marsalforn.

3.2 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li bagħat ittri :-

a) Dwar li Skemi ta' Ipparkjar, is-Segretarju qalet li kitbet lill-ADT kif ukoll lid-Direttur ghal Gvern Lokali izda ma rceviet l-ebda risposta.

b) Dwar il-Korsijiet mil-ETC, is-Segretarju kitbet lill-ETC fejn uriet ix-xewqa li ghandu l-Kunsill li joffri is-servizz tal-korsijiet u ghalhekk, fl-4 ta' Awwissu Ms Charmaine Chetcuti ghanda tigi l-ufficcju tal-Kunsill biex tara jekk il-post hux adekwat biex isiru dawn il-korsijiet.

c) Intbaghatet ittra lill-Dun Mario Said (item 3.3.1.m) sabiex jekk ghandu xi soluzzjoni fejn jitpoggew li skips jghaddiha lill-Kunsill.

d) Intbagħatet ittra lir-residenti ta' Triq C. Rosario Dimech, Triq G. Scicluna, Triq Patri G. Grima, Triq Don. V. Scicluna Hernandez, Triq l-Isparvier u Triq in-Narċis, sabiex ngħarrfu lir-residenti li l-Kunsill Lokali qed jagħmel dak kollu possibbli minn naħa tiegħu uw anke pressjoni kontinwa mal-Gvern Ċentrali biex ma jkunx hemm aktar dewmien sabiex jiġu rranġati l-istat ta' dawn it-toroq u jsiru is-servizzi tad-drenaġġ ukoll.

e) Intbaghatet ittra lill-Għaqdiet kollha lokali sabiex jinnomina persuni għall-sotto-kumitat għall-Għaqdiet Lokali f'Ħal Għaxaq. Irċevejna risposta mingħand *Għaxaq Youth Football Nursery* li ser jipproponu lis-Sur Godfrey Salerno.

f) Ittra lis-Sinjorina Dorianne Scicluna sabiex tghaddi lill-Kunsill l-ircevuti ta' l-ispejjez li l-Kunsill ddicieda li jhallas (item 2b tat-tieni seduta).

g) Email lis-Sur Noel Schembri ta' li Sterling dwar il-kameras ta' Bir-id-Deheb minhabba li dawn jinsabu mitfijien. Is-Sur Schembri qal li dawn qeghdin jinghataw manutenzjoni. Is-Segretarju fit-23 ta' Lulju 2009 staqsietu dawn il-kameras kemm se jdumu taht manutenzjoni ghaliex hi kienet staqsiet lill-Chris ta' li Sterling Security xi zmien qabel ghalhiex mitfijien. Is-Sur Schembri ma wiegeb xejn dwar dan.

h) Email lid-Direttur tal-GAL is-Sur Silvio Schembri biex jibghat il-minuti tal-Laqghat. Is-Segretarju qalet li dawn irceviethom.

i) Ittra l-H.S.B.C. dwar tabella "Merhba" ghall-Kunsill.

j) Id-Direttur ghal Gvern Lokali dwar estensjoni ta' 6 xhur tal-kuntratt ta' li skips.

k) Ittra lis-sid tal-hanut Istanbul dwar *parking bay*. Is-Segretarju kellmet lil din il-persuna u qaltlu li ma jistghax jokkupa din l-*parking bay* hu biss.

l) Lis-Segretarju Parlamentari Dr. Jason Azzopardi dwar ix-xewqa tal-Kunsill biex tkun devoluta lilhu Turretta li tinsab Dawret Hal Ghaxaq.

## 4. <u>Materji Finanzjarji</u>

4.1 *Petty Cash*: Is-Segretarju elenka infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Lulju 2009 u li kienu jammontaw għal €22.84 Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti w ippropona li jkunu adottati. Issekonda s-Sur Picco u l-Kunsill approvahom.

4.2 *Skeda ta' Ħlas – Lulju 2009*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju 2009 u li jammontaw għal € 8,930.37.

Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġie sekondat mil-kunsillier Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. *Area* fi Triq il-Hannieqa**

Is-Sur Vassallo qal li f'lok fi Triq il-Hannieqa fejn il-Kunsill tefgha il-hamrija hemm il-htiega li jingab *tractor* biex titwitta. Hemm il-htiega ukoll li jitpogga konkos fuq il-hajt li sar biex ma jinsteraqx il-gebel.
Is-Sindku qal ukoll li bi hsiebu jhawwel sigar tac-citru li jkunu xtraw ir-residenti meta dawn titwildilhom tarbija.
Is-Sur Abdilla qal li jehtieg noqoghodu attenti ghax diga kien hemm mandat ta' inibizjoni fuq dak is-sit. Qal ukoll li kien hemm talba ta Lm50,000 ghal bejgh ta' dik l-art.
Il-Kunsillier Agius staqsiet ikunx ahjar jekk l-ewwel il-Kunsill jara jekk jiehux l-esproprijazzjoni tal-art biex ix-xoghol li jsir ma jerggħax jinqala.
Is-Sindku qal li hajt xorta suppost ikun hemm u ghalhekk jinxtraw fallakki, zrar u ramel biex isir capping bil-konkos. Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Suggerimenti mill-Kunsillieri**

6.1 Is-Sinjura Agius staqsiet f'hiex waslu it-toroq li qed isiru bit-tarmac. Is-Sindku qal li wara il-festa ta' Santa Marija dawn se jitkomplew.

6.2 Dwar il-progett tal-ground, is-Sur Picco qal li meta dan jitlesta jkun hemm il-htiega li tigi mpjegata persuna biex tiehu hsieb il-post kif ukoll il-latrini. Tkun trid issir sistema ta' *bookings* u l-post ikollu bzonn manutenzjoni kontinwa.

Is-Sur Picco qal ukoll li jehtieg isir xi forma ta' hlas biex jintuza il-ground. Is-Sindku qal li skond il-kuntratt li ffirmajna l-ebda hlas ma jista jintalab biex il-ground jintuza. Kien suggerit unanimament li biex jintuza d-dawl tal-ground issir sistema fejn wiehed ihallas ghal konsum li juza.

Il-Kunsillier Picco staqsa meta ser titlesta l-ewwel fazi tal-ground. Is-Sindku wiegeb li sa l-ahhar ta' Settembru dan ghandu jkun lest.

6.3 Il-Kunsillier Picco qal li jkun tajjeb li l-fuljett johrog ghal Novembru. Il-Kunsill qabel.

6.4 Is-Sur Abdilla tkellem dwar l-avviz li deher fil-gurnal l-Orizzont u qal li ma jaqbilx mal-kliem ghax ma ssemietx il-kelma 'clerk' li suppost se jigi mpjegat part-time, ghalhekk issuggerixxa li jerga jsir avviz iehor b'korrezzjoni ta' dak li kien diga sar u jissemmew il-kliem "part-time clerk idealment ikun kapaci jimla formularju ghall-akkwist tal-fondi mill-Unjoni Ewropea. Il-persuna irid ikollha edukazzjoni terzjarja". Il-Kunsill qabel.

6.5 Il-Kunsillier Agius qalet li hemm il-htiega li Gnien 2000 jitnaddaf ghax hemm hafna haxix bejn il-madum. Il-Kunsill qabel wara li s-Sindku qal li se jiehu hsieb dan.

6.6 Is-Sindku qal li hemm il-htiega li Sqaq il-Gebel jinghata l-konkos. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.7 Il-Kunsillier Attard qal li l-iskips ghandhom bzonn jinhaslu l-aktar issa minhabba s-shana li qed tghamel. Il-Kunsill qabel li jkun avzat il-kuntrattur ta' li skips.

6.8 Is-Sindku qal li hemm infestazzjoni tal-brieghed hdejn li skips fi Triq ta' Loretu. Qal li hemm il-htiega li jinxtara bexx minhabba dan. Il-Kunsill qabel.

6.9 Is-Sur Picco staqsa jekk it-tapiti li hemm that il-bandli fil-playground jistghux jinbidlu ghax mhumhiex fi stat tajeb. Il-Kunsill qabel li jaraw x'jistgha jsir biex dawn jitrangaw.

**<u>Aggornament</u>**

Is-Sindku fis-7.30 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar il-Hamis 3 ta' Settembru 2009 fil-5.00 p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati:- Il-Hamis 3 ta' Settembru 2009 fil 5.00pm


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt